

(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")

**DR. A. CREMONA, D.LIT. (HONS).**



# GHAWDEX

Kull meta niġi nżurek, gżira tiegħi,
nistħajlek bħal dik l-omm li ġewwa ħdanha 4
tilqa' lil binha msiefer, u, ferħana,
toqgħod f'rokna tad-dar titkellem miegħi.

Tfakkarni fil-widien u fuq it-tliegħi
ħodor tal-għoljiet tiegħek fejn il-għana
tal-għelejjel ta' l-art tagħmlek sultana
b'rasek imżejna b'tal-frott l-isbaħ friegħi.

Tfakkarni fil-Kastell, il-Belt Qadima,
bl-irdum ta' nies qalbiena, u fi tfuliti,
għall-Madonna ta' Pinu fl-ewwel qima;

fid-dwejra fuq il-blat ta' xatt il-baħar,
ta' ċkuniti fis-sajf, u, fi xjuħiti,
f'Għawdex li qalbi l-lum bih biss tiftaħar.

A Cremona

27/5/1960